MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1277/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) proprio u hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Marvic Micallef (I.D. 31382M) sija bil-polza kif ukoll bil-Ligi u l-istess Marvic Micallef (I.D. 31382M)**

**Vs**

**Daniela Azzopardi**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm224.43c) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar ta' danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Frar, 2003 f'Bormla fejn il-konvenuta Daniela Azzopardi, dak iz-zmien kunjomha kien Camilleri billi kienet ghadha ma zzewgitx, li kienet qed issuq il-vettura CBB 272 b'negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habtet fil-

vettura PGT 020 di proprjeta’ ta’ Marvic Micallef u assigurata mas-socjeta’ attrici Middlesea Insurance p.l.c.

Ra illi l-konvenuta Daniela Azzopardi, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-8 ta’ Marzu, 2006, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta w erbghin centezmu (Lm224.43c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------